



Dokument ta' sessjoni

A9-0054/2023

8.3.2023

RAPPORT

dwar ir-rapport annwali rigward l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fis-sena 2021
(2022/2141(INI))

Kumitat għall-Petizzjonijiet

Rapporteur: Anne-Sophie Pelletier

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	13
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	19
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	20

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar ir-rapport annwali rigward l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fis-sena 2021 (2022/2141(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-rapport annwali rigward l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fis-sena 2021,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 10(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 15, 24(3), 228 u 298(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 11, 41, 42 u 43 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta),
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCPRD),
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2021/1163 tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi r-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-tweqqif tad-dmirijiet tal-Ombudsman (Statut tal-Ombudsman Ewropew) u li jħassar id-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom¹,
 - wara li kkunsidra l-Kodiċi Ewropew ta' Mgħiba Amministrattiva Tajba, kif adottat mill-Parlament fis-6 ta' Settembru 2001,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas ta' Kooperazzjoni konkluż bejn il-Parlament u l-Ombudsman Ewropew fil-15 ta' Marzu 2006, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2006,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2022 dwar l-involviment maċċittadini: id-dritt ta' petizzjoni, id-dritt ta' referenza għall-Ombudsman Ewropew u l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej²
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 54 u 232(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A9-0054/2023),
- A. billi r-rapport annwali rigward l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fis-sena 2021 ġie ppreżentat formalment lill-President tal-Parlament Ewropew fis-7 ta' Ġunju 2022 u billi l-Ombudsman, Emily O'Reilly, ippreżentat ir-rapport tagħha lill-Kumitat għall-

¹ ĠU L 253, 16.7.2021, p. 1.

² ĠU C 347, 9.9.2022, p. 110.

Petizzjonijiet fit-8 ta' Settembru 2022 fi Brussell;

- B. billi l-Artikoli 20, 24 u 228 tat-TFUE u l-Artikolu 43 tal-Karta jagħtu s-setgħa lill-Ombudsman Ewropew li tilqa' lmenti li jikkonċernaw każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) meta tkun qed taġixxi fir-rwol ġudizzjarju tagħha;
- C. billi l-Artikolu 15 TFUE jistipula li "sabiex tiġi promossa t-tmexxija tajba u sabiex tiġi assigurata l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni għandhom iwettqu x-xogħol tagħhom b'mod kemm jista' jkun miftuħ" u "kull ċittadin tal-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li toqgħod jew li jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru, għandha jkollha d-dritt għall-aċċess għal dokumenti tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni"; billi l-iżgurar li ċ-ċittadini tal-UE jirċievu servizzi ta' kwalità għolja u li l-amministrazzjoni tal-UE tirrispondi għall-bżonnijiet u l-preokkupazzjonijiet tagħhom huwa essenzjali sabiex jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali taċ-ċittadini;
- D. billi l-Artikolu 41 tal-Karta, relatat mad-dritt għal amministrazzjoni tajba, jgħid fost l-oħrajn li "kull persuna għandha d-dritt li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat b'mod imparzjali u ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni";
- E. billi l-Artikolu 298(1) tat-TFUE jistabilixxi li "fit-twettiq tal-missjonijiet tagħhom, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni għandu jkollhom l-appoġġ ta' amministrazzjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u indipendenti";
- F. billi d-dritt ta' rikors għall-Ombudsman Ewropew, id-dritt ta' petizzjoni, u l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej huma għodod parteċipatorji li jrawmu t-trasparenza, id-demokrazija parteċipattiva u ċ-ċittadinanza Ewropea attiva;
- G. billi fl-2021 l-Ombudsman għinet lil 20 536 persuna u fetħet 338 inkjesta, li minnhom 332 kienu bbażati fuq ilmenti u 6 kienu inkjesti fuq inizjattiva proprja, filwaqt li għalqet 305 inkjesta (300 bbażati fuq ilmenti u 5 inkjesti fuq inizjattiva proprja); billi ħafna mill-inkjesti kienu jikkonċernaw lill-Kummissjoni (208 inkjesti jew 61,5 %); billi l-akbar numri sussegwenti kienu jikkonċernaw lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) (16-il inkjesta jew 4,7 %), il-Parlament (13-il inkjesta jew 3,8 %), l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (13-il inkjesta jew 3,8 %), l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) (11-il inkjesta jew 3,3 %), l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (8 inkjesti jew 2,4 %), il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (7 inkjesti jew 2,1 %), l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (6 inkjesti jew 1,8 %), u istituzzjonijiet oħra (34 inkjesta jew 10,1 %);
- H. billi t-tliet punti ta' tħassib ewlenin fl-inkjesti magħluqa mill-Ombudsman fl-2021 kienu t-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont (l-aċċess għall-informazzjoni u d-dokumenti) (29 %), il-kultura tas-servizz (26 %) u l-użu xieraq tas-setgħat diskrezzjonali (inkluż fil-proċeduri ta' ksur) (18 %); billi tħassib ieħor jinkludi r-rispett għad-drittijiet proċedurali, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, il-ġestjoni tajba tal-kwistjonijiet tal-persunal tal-UE, il-ġestjoni finanzjarja tajba, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, kwistjonijiet etiċi, u l-iżvelar ta' informazzjoni protetta dwar l-amministrazzjoni tal-

UE;

- I. billi, fil-kuntest tax-xogħol strateġiku tiegħu fl-2021, l-Uffiċċju tal-Ombudsman fetaħ sitt inkjesti strateġiċi ġodda: dwar il-mod li bih il-Kummissjoni Ewropea timmaniġġja movimenti "revolving doors" tal-membri tal-persunal tagħha; dwar it-trasparenza tal-interazzjonijiet tal-Kummissjoni mar-rappreżentanti tal-industrija tat-tabakk; dwar kif il-Frontex tikkonforma mal-obbligi tagħha tad-drittijiet fundamentali u tiżgura l-obbligu ta' rendikont fir-rigward tar-responsabbiltajiet imsaħħa tagħha; dwar kif l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża ttrattat l-applikazzjoni mill-ex kap eżekuttiv tagħha biex jieħu pożizzjoni għolja f'Airbus; dwar kif il-Kummissjoni timmonitorja l-fondi tal-UE użati biex jippromwovu d-dritt tal-persuni b'diżabilità u tal-persuni akbar fl-età għal għajxien indipendenti; u dwar kif il-Bank Ewropew tal-Investment iżomm ċerta informazzjoni personali dwar l-applikanti għal impjeg qabel ma jieħu deċiżjonijiet ta' reklutaġġ;
- J. billi f'inkjesta wiesgħa dwar ir-"revolving doors" li tkopri kampjun ta' 100 deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni fl-2019-2021, l-Ombudsman sabet li l-Kummissjoni pprojbiet biss żewġ attivitajiet;
- K. billi l-2021 kienet l-għoxrin anniversarju mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001³ (ir-Regolament dwar it-Trasparenza) dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti; billi fl-2021 l-Ombudsman għamlet l-aċċess għad-dokumenti prijorità għall-Uffiċċju matul is-sena, peress li t-trasparenza tibqa' s-suġġett ewlieni tal-ilmenti u l-prijorità għall-ħidma tagħha; billi l-Ombudsman ospitat konferenza pubblika dwar kif ir-Regolament dwar it-Trasparenza għandu jiġi mmodernizzat biex jissodisfa l-ħtiġijiet pubbliċi f'dan il-qasam;
- L. billi l-QĠUE ddeċidiet bosta drabi li hija preċiżament it-trasparenza fil-proċess leġiżlattiv li tikkontribwixxi għall-għoti ta' leġittimità akbar lill-istituzzjonijiet f'għajnejn iċ-ċittadini tal-UE u żżid il-fiduċja tagħhom billi tippermetti li d-diverġenzi bejn diversi fehmiet jiġu diskussi fil-miftuħ; billi l-QĠUE stipulat li fil-fatt huwa n-nuqqas ta' informazzjoni u ta' dibattitu li jista' jqajjem dubji f'moħħ iċ-ċittadini u jiffaċilita t-tixrid ta' informazzjoni ħażina, mhux biss fir-rigward tal-legalità ta' att iżolat, iżda wkoll fir-rigward tal-leġittimità tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet kollu kemm hu⁴;
- M. billi t-titjib tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u l-iżgurar tat-trasparenza fil-livell tal-UE huma essenzjali biex jingħalaq id-distakk perċepit bejn l-UE, l-istituzzjonijiet tagħha, iċ-ċittadini tagħha u l-organizzazzjonijiet rappreżentanti, filwaqt li jingħelbu l-livelli baxxi ta' fiduċja u kunfidenza taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet tal-UE u tinkiseb demokrazija reali f'diversi livelli; billi l-Ombudsman għandha rwol ewlieni fl-għeluq ta' dan id-distakk;
- N. billi l-ilmenti taċ-ċittadini lill-Ombudsman huma komponent essenzjali tad-demokrazija parteċipattiva u tal-leġittimità tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni peress li

³ Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

⁴ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-1 ta' Lulju 2008, *L-Iżvezja u Turco vs Il-Kunsill*, C-39/05 P u C-52/05 P, ECLI:EU:C:2008:374, punt 59, u tat-22 ta' Marzu 2018, *Emilio De Capitani vs Il-Parlament Ewropew*, T-540/15, ECLI:EU:T:2018:167, punt 78.

jippromwovu t-trasparenza u l-amministrazzjoni tajba fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE; billi r-rwol tal-Ombudsman żviluppa matul is-snin u issa jippermettilu juża setgħat ta' inizjattiva proprja biex jgħin fl-indirizzar ta' problemi sistemiċi fl-amministrazzjoni tal-UE u jagħmel rakkomandazzjonijiet għal titjib bil-ħsieb li jiġu solvuti il-problemi f'diversi każijiet ta' amministrazzjoni ħażina, u b'hekk ikollu rwol dejjem aktar importanti fil-ħajja taċ-ċittadini fejn jidħlu kwistjonijiet bħall-ambjent, il-migrazzjoni u s-saħħa;

- O. billi f'każijiet li fihom ilment jaqa' barra mill-ambitu tal-mandat tagħha, l-Ombudsman għandu jagħti parir lill-persuna li ressqet l-ilment tirreferi l-ilment lil awtorità oħra jew lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet;
- P. billi l-QĠUE enfasizzat li l-mudell demokratiku adottat mill-UE għandu żewġ dimensjonijiet: id-demokrazija rappreżentattiva, ibbażata fuq l-Artikolu 10(1) u (2) tat-TUE, u d-demokrazija parteċipattiva, abbażi tal-Artikolu 10(3) tat-TUE; billi l-ewwel dimensjoni timplika li r-rappreżentanti taċ-ċittadini huma responsabbli għad-deċiżjonijiet li jieħdu u t-tieni dimensjoni tippermetti liċ-ċittadini jipparteċipaw fil-proċess deċiżjonali; billi l-QĠUE stipulat li t-trasparenza hija pertinenti fiż-żewġ dimensjonijiet⁵;
- Q. billi fil-ħidma strateġika tiegħu fl-2021, l-Uffiċċju tal-Ombudsman fetaħ l-inizjattivi strateġiċi u ġodda tiegħu stess dwar kif l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-organi u l-aġenziji tal-UE jirreġistraw it-test u l-messaġġi istantanji mibgħuta/riċevuti mill-membri tal-persunal fil-kapaċità professjonali tagħhom; dwar l-intelliġenza artifiċjali u l-amministrazzjoni tal-UE; dwar id-dmir tal-amministrazzjoni tal-UE li tinforma lill-pubbliku dwar kif teżerċita d-dritt ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-UE; dwar it-trasparenza tal-portal tal-UE għall-ġestjoni tal-offerti għal kuntratti mogħtija mill-istituzzjonijiet tal-UE; dwar l-obbligi ta' trasparenza tal-Kummissjoni fil-kuntest tar-rieżami li jmiss tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-tabakk; dwar kif il-Kummissjoni tagħmel disponibbli informazzjoni dwar laqgħat bejn kummissarji u organizzazzjonijiet jew individwi li jaħdmu għal rashom; u dwar kif il-Kummissjoni tiżgura r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-ftehimiet kummerċjali internazzjonali;
- R. billi l-QĠUE, b'referenza għall-għoti lill-pubbliku tal-akbar aċċess possibbli għal dokumenti tal-UE, iddikjarat li t-trasparenza f'dak ir-rigward tikkontribwixxi sabiex issaħħaħ id-demokrazija billi tippermetti liċ-ċittadini jagħmlu skrutinju tal-informazzjoni kollha li tkun ikkostitwixxiet il-bażi ta' att leġiżlattivi; billi l-QĠUE ssostni li l-possibbiltà għaċ-ċittadini li jsiru jafu l-bażi tal-azzjonijiet leġiżlattivi hija kundizzjoni tal-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet demokratiċi tagħhom⁶;
- S. billi l-QĠUE interpretat l-Artikolu 10(3) tat-TUE fis-sens li, f'sistema bbażata fuq il-prinċipju tal-leġittimità demokratika, il-koleġiżlaturi jridu jinżammu responsabbli għall-azzjonijiet tagħhom lejn il-pubbliku; billi l-QĠUE stipulat li, biex l-eżerċizzju miċ-ċittadini tad-drittijiet demokratiċi tagħhom ikun possibbli, dan jippresupponi l-

⁵ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża T-540/15, ECLI :EU:T:2018:167, punt 41.

⁶ Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi C-39/05 P u C-52/05 P, ECLI:EU:C:2008:374, punt 46; u T-540/15, EU:T:2018:167, punt 80; tas-17 ta' Ottubru 2013, *Il-Kunsill vs Access Info Europe*, C-280/11 P, ECLI:EU:C:2013:671, punt 33; u tal-15 ta' Settembru 2016, *Herbert Smith Freehills vs Il-Kunsill*, T-710/14, ECLI EU:T:2016:494, punt 35.

possibbiltà tagħhom li jsegwu fid-dettall il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fi ħdan l-istituzzjonijiet li jipparteċipaw fil-proċeduri leġiżlattivi u li jkollhom aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha⁷;

1. Japprova r-rapport annwali għall-2021 ippreżentat mill-Ombudsman Ewropew, u jfaħħar il-preżentazzjoni eċċellenti tagħha tal-aktar fatti u ċifri importanti rigward il-ħidma tal-Ombudsman fl-2021;
2. Jifraħ lil Emily O'Reilly, u l-uffiċċju tagħha, dwar il-ħidma notevoli u l-isforzi kostruttivi tagħhom li jsibu bilanċ bejn id-dritt tal-istituzzjonijiet tal-UE li jaħdmu u l-interess pubbliku f'amministrazzjoni tal-UE li taħdem bl-ogħla standards ta' integrità u ta' obbligu ta' rendikont; jifirihom talli saħħew id-demokrazija rappreżentattiva u parteċipattiva, filwaqt li tejbu l-parteċipazzjoni pubblika fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE u l-leġittimità tiegħu; jirrikonoxxi li l-ħidma tal-Ombudsman wasslet għal bidliet pożittivi fi ħdan l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni;
3. Japprezza r-relazzjonijiet eċċellenti bejn l-Ombudsman Emily O'Reilly u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-2021; japprezza l-kollaborazzjoni b'saħħitha bejn iż-żewġ korpi bħala għodda importanti fiż-żieda tar-rendikont demokratiku tal-istituzzjonijiet tal-UE; ifakkar li r-relazzjonijiet mal-Ombudsman Ewropew huma fost ir-responsabbiltajiet li r-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament jagħtu lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet; japprezza l-interess komuni li jidher f'bosta riżoluzzjonijiet ibbażati fuq l-inkjesti tal-Ombudsman, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-amministrazzjoni tal-UE fil-kuntest tal-COVID-19;
4. Jilqa' l-inizjattivi mwettqa mill-Ombudsman biex issir taf kif l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE jistgħu jagħmlu liċ-ċittadini konxji mid-dritt ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti; jilqa' l-konferenza pubblika dwar il-futur tar-regoli dwar l-aċċess għad-dokumenti organizzata mill-Uffiċċju tal-Ombudsman fi Brussell fil-15 ta' Novembru 2021 bit-titolu "Aċċess għad-dokumenti tal-UE: xi jmiss?";
5. Jifraħ lill-Ombudsman għall-isforzi tagħha biex tippubblika gwida qasira għall-amministrazzjoni tal-UE dwar liema politiki u l-prattiki jenħtieġ li timplimenta biex tagħti effett lid-dritt għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-UE; jifraħ lill-Ombudsman għall-parir mogħti permezz tal-Gwida Interattiva disponibbli fuq is-sit web tal-Ombudsman;
6. Jemmen bis-sħiħ li l-aċċess taċ-ċittadini għad-dokumenti kollha tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-organi u l-aġenziji Ewropej huwa l-bażi ta' demokrazija parteċipattiva u jgħin biex jittejjeb l-għarfien pubbliku tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-appoġġ għalihom; jilqa' l-isforzi tal-Ombudsman biex ittejjeb il-parteċipazzjoni pubblika fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE u l-leġittimità tiegħu; jirrimarka li d-dritt li titressaq kwistjoni lill-Ombudsman iżid l-involviment taċ-ċittadini mal-istituzzjonijiet tal-UE u l-fiduċja fihom, għaliex jipromwovi t-trasparenza u l-amministrazzjoni tajba tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-UE;
7. Ifakkar li l-QĠUE issottolinjat li r-rekwiżit tal-imparzjalità, li jorbot lill-istituzzjonijiet,

⁷ Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Marzu 2011, *Access Info Europevs Il-Kunsill*, T-233/09, ECLI:EU:T:2011:105, punt 69; u fil-kawża T-540/15, ECLI:EU:T:2018:167, punt 98.

il-korpi, l-organi u l-aġenziji fit-twettiq tal-kompiti tagħhom, huwa maħsub biex jiggarrantixxi trattament ugwali, li huwa wieħed mill-pedamenti tal-Unjoni Ewropea; jenfasizza li dan ir-rekwiżit għandu l-għan li jevita sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess potenzjali u jkopri kwalunkwe ċirkostanza li uffiċjal jew aġent jintalab jiddeċiedi dwarha, minħabba l-importanza fundamentali tal-garanzija tal-indipendenza u l-integrità kemm fir-rigward tal-funzjonament intern kif ukoll tal-immagna esterna tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-organi u l-aġenziji tal-Unjoni⁸;

8. Iqis li huwa importanti ħafna li tkompli tiġi pprovduta liċ-ċittadini tal-UE informazzjoni adegwata dwar ir-rwol u l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet tal-Ombudsman u dwar l-influwenza tagħha fuq l-iżvilupp tal-istituzzjonijiet tal-UE;
9. Ifakkar li wieħed mill-modi kif titjieb il-perċezzjoni li ċ-ċittadini għandhom tal-UE huwa billi din issir aktar aċċessibbli, komprensibbli u trasparenti għalihom; jemma li l-fatt li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jżommu lill-gvernijiet tagħhom responsabbli jsaħħaħ id-drittijiet demokratiċi taċ-ċittadini u jżid il-fiduċja taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tiegħu l-passi meħtieġa biex tiggarrantixxi l-oġġla livell possibbli ta' trasparenza; jesprimi dispjaċir kbir li, minkejja d-diversi appelli mill-Parlament u l-Ombudsman, il-ħidma attwali tal-Kunsill għadha mtappna minn nuqqas ta' trasparenza u ċ-ċittadini ma għandhomx aċċess xieraq għal dokumenti leġiżlattivi prodotti mill-Kunsill; jistieden lill-Kunsill jikkonforma mal-istandards ta' trasparenza ta' demokrazija kif meħtieġ skont it-Trattati u rakkomandat mill-Ombudsman fir-Rapport speċjali tagħha ta' Mejju 2018⁹;
10. Jenfasizza li s-sena 2021 immarkat l-għoxrin anniversarju mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar it-Trasparenza; jilqa' l-enfasi speċjali tal-Uffiċċju tal-Ombudsman fuq din il-kwistjoni matul l-2021; jinnota li din is-sistema ħalliet effetti pożittivi iżda tista' tiġi aġġustata biex tadatta aħjar għall-iżviluppi teknoloġiċi; jinnota bi tħassib li l-leġiżlazzjoni attwali dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-UE hija ferm obsoleta minħabba l-avvanzi teknoloġiċi fl-aħħar deċennji fir-rigward tal-aċċess għad-dokumenti, mezzi ġodda ta' komunikazzjoni u modi differenti ta' reġistrazzjoni, ġestjoni u ħażna ta' informazzjoni; jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġi rieżaminat ir-Regolament dwar it-Trasparenza sabiex l-UE titqiegħed fuq quddiem tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-UE u tat-trasparenza demokratika għaċ-ċittadini; jilqa' l-kontribut tal-Ombudsman għar-Regolament dwar it-Trasparenza u jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-kumitat rilevanti fil-Parlament jieħdu dan inkunsiderazzjoni;
11. Jieħu nota tal-fatt li l-Kummissjoni, kif iddikjarat mill-Viċi President Věra Jourová matul il-konferenza pubblika l-"Aċċess għad-dokumenti tal-UE: xi jmiss?" li saret fil-15 ta' Novembru 2021, tinsab lesta li tkompli l-ħidma leġiżlattiva dwar l-aċċess għad-dokumenti fi sħubija mal-koleġiżlaturi;
12. Jenfasizza li l-fatt li l-Ombudsman nediet inizjattiva strateġika dwar kif l-amministrazzjoni tirreġistra messaġġi testwali u istantanji li jintbagħtu minn/jaslu lill-

⁸ Ara s-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2022 — *Vasallo Andrés vs il-Parlament*, T-496/21, punt 21 (ECLI:EU:T:2022:628); is-sentenza tas-27 ta' Marzu 2019, *Dr. August Wolff GmbH & Co. KG Arzneimittel u Remedia d.o.o. vs Il-Kummissjoni*, C 680/16 P, punt 26 (ECLI:EU:C:2019:257).

⁹ Ir-Rapport Speċjali tal-Ombudsman Ewropew fl-inkjesta strateġika OI/2/2017/TE dwar it-trasparenza tal-proċess leġiżlattiv tal-Kunsill.

membri tal-persunal fil-kapaċità professjonali tagħhom; jappoġġja l-impenn tal-Ombudsman li ttejjeb il-mod kif l-amministrazzjoni tal-UE tittratta l-messaġġi testwali u istantanji u teknoloġiji ġodda oħra bħala parti mill-obbligi ta' trasparenza tagħha;

13. Jinnota l-inkjesta tal-Ombudsman dwar ir-rifjut tal-Kummissjoni Ewropea li tagħti aċċess pubbliku għal messaġġi testwali skambjati bejn il-President tal-Kummissjoni u s-CEO ta' kumpanija farmaċewtika dwar ix-xiri ta' vaċċini tal-COVID-19; ifakkar li l-messaġġi testwali li l-kontenut tagħhom jirrelata mal-politiki, l-attivitajiet u d-deċiżjonijiet li jaqgħu fl-isfera ta' responsabbiltà tal-istituzzjoni, jitqiesu dokumenti tal-UE skont ir-Regolament dwar it-Trasparenza; jistieden lill-Kummissjoni tilħaq bis-sħiħ il-prinċipji tal-etika, it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont fil-konfront taċ-ċittadini Ewropej;
14. Jenfasizza l-inkjesta tal-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni ttrattat talba għal aċċess pubbliku għal dokumenti dwar il-kwalità tal-maskri mediċi distribwiti fir-rebbiegħa tal-2020 matul il-pandemija tal-COVID-19; jinnota bi tħassib li fiż-żmien meta saret it-talba u matul kriżi tas-saħħa pubblika, il-Kummissjoni ma żgurax l-oġġla livell ta' trasparenza meħtieġ;
15. Jisħaq fuq il-bżonn li tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman tal-2016 għat-trasparenza fil-proċess leġislativ; jilqa' l-istedina tal-Ombudsman għal trasparenza akbar fit-trilogi filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' bilanċ tajjeb bejn it-trasparenza u l-isfidi u s-sensittivitajiet partikolari involuti biex jintlaħqu kompromessi dwar proposti leġislativi; itenni l-istedina tiegħu li tiġi ppubblikata wkoll qabel jew ftit wara l-laqgħat tat-trilogi, dokumentazzjoni inkluż kalendarji, aġendi, minuti, dokumenti eżaminati, emendi u informazzjoni dwar id-delegazzjonijiet tal-Istati Membri u l-pożizzjonijiet u l-minuti tagħhom, f'ambjent online standardizzat u faċilment aċċessibbli, b'mod awtomatiku skont ir-Regolament dwar it-Trasparenza u f'konformità mal-każistika tal-QĠUE;
16. Jilqa' l-inkjesta strateġika wiesgħa tal-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni tittratta sitwazzjonijiet ta' "revolving doors" kif ukoll l-inkjesti tal-Ombudsman dwar "revolving doors" f'korpi oħra tal-Unjoni Ewropea, bħall-Bank Ewropew tal-Investment jew l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża; ifakkar li ġestjoni xierqa tal-kwistjoni tar-revolving doors hija essenzjali biex tinżamm il-fiduċja fl-istituzzjonijiet tal-UE; itenni l-appell tiegħu lill-Ombudsman biex tkompli bix-xogħol tagħha biex tiżgura l-pubblikazzjoni f'waqtha tal-ismijiet tal-uffiċjali anzjani tal-UE involuti f'każijiet ta' "revolving doors" u biex tiggarantixxi t-trasparenza sħiħa fir-rigward tal-informazzjoni relatata kollha; jistieden lill-Kummissjoni tirfina r-regoli dwar ir-revolving doors u l-kunflitt ta' interess u tiżgura li jiġu implimentati regoli b'saħħithom fl-istituzzjonijiet kollha tal-UE;
17. Jifraħ lill-Ombudsman għall-inkjesta dwar kif il-Kummissjoni ttrattat it-tħassib b'rabta mal-kompożizzjoni tal-Forum ta' Livell Għoli dwar l-Unjoni tas-Swieq Kapitali tal-UE, u kkonkluda li l-miżuri tal-Kummissjoni biex timmitiga l-kunflitti ta' interess potenzjali rriżultaw f'sebgħa biss mit-28 membru tal-grupp li kienu verament indipendenti; jenfasizza li nstab li seħħet amministrazzjoni ħażina f'dan il-każ; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi l-aktar regoli etiċi stretti sabiex tipprevjeni kunflitti ta' interess u tiegħu passi ulterjuri biex tindirizza r-"revolving doors", b'konformità sħiħa mar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman;

18. Jilqa' l-inkjesta strateġika tal-Ombudsman biex tevalwa kif il-Kummissjoni tassigura li l-interazzjonijiet tagħha mal-lobbisti tat-tabakk ikunu trasparenti. jiddispjaċih li, bl-eċċezzjoni tad-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari (DG SANTE) u d-Direttorat Ġenerali tagħha għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali (DG TAXUD), il-Kummissjoni għadha qed tonqos milli tiżgura trasparenza sħiħa u proattiva dwar il-laqgħat mar-rappreżentanti tal-industrija tat-tabakk; jiddispjaċih li dan in-nuqqas idgħajjef l-iskrutinju pubbliku sħiħ kif meħtieġ mid-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) dwar il-Kontroll tat-Tabakk (FCTC);
19. Jindika li, wara inkjesta dwar il-mekkaniżmu ta' lment tal-Frontex, fejn l-Ombudsman għibdet l-attenzjoni lejn id-dewmien tal-aġenzija fit-twettiq tal-obbligi ġodda tagħha skont il-mekkaniżmu stess u l-obbligi tal-Uffiċjal għad-Drittijiet Fundamentali, l-Ombudsman fetħet inkjesta fuq inizjattiva proprja dwar kif il-Frontex tikkonforma mal-obbligu tad-drittijiet fundamentali tagħha u tassigura l-obbligu ta' rendikont b'rabta mar-responsabbiltà msaħħa tagħha; jenfasizza li din l-inkjesta fittxet li tikkjarifika kwistjonijiet relatati mal-obbligu ta' rendikont tal-operazzjonijiet konġunti tal-Frontex, ma' attivitajiet relatati mar-ritorni tal-migranti u mal-appoġġ tal-migrazzjoni fl-iskrinjar fil-fruntieri esterni tal-UE;
20. Jilqa' l-ftuħ ta' inkjesta dwar ir-rwol tal-Kummissjoni fil-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-proġetti tal-gass imniżżla bħala proġetti ta' sinifikat reġjonali mill-Komunità tal-Enerġija – li tgħaqquad lill-UE, lill-pajjiżi fil-Balkani tal-Punent, lill-pajjiżi fir-Reġjun tal-Baħar l-Iswed, u lin-Norveġja – wara lment minn organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili, li ddenunzjat li l-Kummissjoni naqset milli tiżgura li s-sostenibbiltà tal-proġetti tal-gass tiġi vvalutata sew qabel ma jiġu inklużi fil-lista; ifakkar li dawn il-proġetti ġew evalwati skont metodoloġija li kienet tintuża qabel mill-Kummissjoni għal-lista ta' Proġetti ta' Interess Komuni tagħha li issa ma għadhiex adegwata u ma għadhiex tintuża; iqis li, b'mod partikolari fil-kuntest ġeopolitiku tal-enerġija attwali, il-proġetti tal-enerġija promossi jew iffinanzjati mill-UE jenħtieġ li jiġu evalwati bl-iktar mod trasparenti, konsistenti u parteċipattiv possibbli;
21. Jilqa' d-dikjarazzjonijiet tal-Ombudsman dwar il-proċeduri kummerċjali, li jenfasizzaw bħala amministrazzjoni ħażina l-fatt li l-Kummissjoni ma ffinalizzatx "valutazzjoni tal-impatt għas-sostenibbiltà" aġġornata qabel ma kkonkludiet in-negozjati kummerċjali bejn l-UE u l-Mercosur;
22. Jenfasizza l-importanza tal-adozzjoni ta' statut aġġornat għall-Uffiċċju tal-Ombudsman f'Ġunju 2021; ifakkar li l-istatut il-ġdid jikkodifika ħafna mill-prattiki ta' ħidma tal-Uffiċċju f'dawn l-aħħar snin; jilqa' l-fatt li l-istatut rivedut jipprovdi qafas legali msaħħa għall-Uffiċċju u jintroduċi salvagwardji ġodda li jiggwarantixxu aktar l-indipendenza tiegħu; jemmen bis-sħiħ li l-baġit allokat għall-Uffiċċju tal-Ombudsman jenħtieġli jiġi emendat biex ikun żgurat li għandu r-riżorsi meħtieġ biex jittratta b'mod effettiv l-ammont ta' xogħol ġenerali u jkun kapaċi jkompli jaħdem b'mod kompetenti għas-servizz taċ-ċittadini Ewropej;
23. Jifraħ lill-Uffiċċju tal-Ombudsman għall-implimentazzjoni u r-reviżjoni tal-proċedura "rapida", li tfittex li tittratta malajr l-aċċess pubbliku għall-ilmenti tad-dokumenti; jinnota li l-proċedura wriet riżultati eċċellenti, inkluż tnaqqis sinifikanti fiż-żminijiet tal-

ipproċessar, żieda fl-għadd ta' lmenti dwar l-aċċess għad-dokumenti, u sodisfazzjon ġenerali tal-partijiet ikkonċernati bil-proċedura "rapida";

24. Jilqa' l-istrateġija ġdida għad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà ppreżentata mill-Kummissjoni fit-3 ta' Marzu 2021, li tkopri l-perjodu mill-2021 sal-2030 u tistabilixxi l-qafas għall-implimentazzjoni tal-UNCPRD mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE;
25. Jilqa' l-impenn tal-Ombudsman; jirrikonoxxi x-xogħol tagħha bħala membru tal-qafas tal-UE mmirat lejn il-protezzjoni, il-promozzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni korretta tal-UNCPRD mill-istituzzjonijiet tal-UE; jirrikonoxxi r-rwol tal-Ewropa bħala sieħeb globali fl-appoġġ tal-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà;
26. Jissottolinja r-riżultati ta' żewġ inkjesti dwar kif il-fondi tal-UE jintefqu fl-istituzzjonijiet tal-kura soċjali; jilqa' l-inkjesta fuq inizjattiva proprja tal-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni timmonitorja l-fondi tal-UE użati biex jippromwovu d-dritt li wieħed jgħix indipendentement minn persuni b'diżabbiltà u persuni akbar fl-età;
27. Jilqa' l-lista tal-aħjar Prattiki fl-issodisfar tal-ħtiġijiet speċjali tal-membri tal-persunal b'diżabbiltà fil-kuntest tal-emerġenzi, imfassla b'riżultat ta' inizjattiva strateġika dwar kif il-Kummissjoni takkomoda l-ħtiġijiet speċjali tal-membri tal-persunal b'diżabbiltà fil-kuntest tal-COVID-19; Iħeġġeġ lill-Ombudsman u lill-uffiċċju tagħha jkomplu l-ħidma tagħhom favur il-persuni b'diżabbiltà u jiżguraw li dawn ikunu jistgħu jgawdu bis-sħiħ id-dritt tagħhom li jirrikorru għand l-Ombudsman Ewropew;
28. Jifraħ lill-Ombudsman dwar l-espansjoni tar-rwol tan-Network Ewropew tal-Ombudsmen (ENO) fil-bini tal-kapaċitajiet u l-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki bejn l-istituzzjonijiet tal-ombudsmen tal-Istati Membri, tal-pajjiżi taż-ŻEE u tal-pajjiżi kandidati tal-UE; jifraħ lill-ENO dwar l-organizzazzjoni ta' webinars immirati b'enfasi fuq suġġetti differenti inkluż l-intelliġenza artifiċjali u l-gvern elettroniku fl-amministrazzjonijiet pubbliċi; il-mekkaniżmu ta' lment tal-Frontex u l-monitoraġġ tar-ritorni furzati; u l-kura istituzzjonali, l-użu tal-fondi tal-UE u t-tagħlimiet mill-pandemija tal-COVID-19;
29. Iħeġġeġ lill-Ombudsman tkompli l-kollaborazzjoni tagħha mal-ombudsmen nazzjonali permezz tal-ENO; jemmen li huwa neċessarju li jiżdiedu l-interazzjonijiet u l-iskambji tal-aħjar Prattiki mal-ombudsmen nazzjonali u reġjonali u l-Ombudsman Ewropew kif ukoll bejniethom biex jiġi assigurat li ċ-ċittadini jkunu informati aħjar dwar id-drittijiet tagħhom u jkollhom gwida aħjar meta jressqu lmenti; jistieden lil dan in-network jikkunsidra r-rwol li l-ombudsmen nazzjonali u reġjonali jista' jkollhom biex jinvolvu aktar liċ-ċittadini tal-UE fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE;
30. Jifraħ lid-Direttorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej tal-Kummissjoni u lis-SEAE talli rebħu l-Premju għal Amministrazzjoni Tajba tal-Ombudsman Ewropew għall-2021 għall-isforzi konsiderevoli tagħhom tas-sena l-oħra biex jirripatrijaw aktar minn nofs miljun ċittadin tal-UE mitlufa madwar id-dinja minħabba l-pandemija tal-COVID-19;
31. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-risoluzzjoni u r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Ombudsman Ewropew,

lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri kif ukoll lill-ombudsmen tagħhom jew lill-entitajiet kompetenti simili.

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2021 ġie ppreżentat formalment lill-President tal-Parlament Ewropew, Roberta Metsola, fis-7 ta' Ġunju 2022, u l-Ombudsman, Emily O'Reilly, ippreżentat ir-rapport lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi Brussell fit-8 ta' Settembru 2022.

Il-mandat tal-Ombudsman huwa stabbilit fl-Artikolu 24 u 228 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Artikolu 24 tat-TFUE, kif ukoll l-Artikolu 43 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, jistabbilixxu d-dritt li jitressaq ilment lill-Ombudsman Ewropew.

Skont l-Artikolu 228 tat-TFUE, l-Ombudsman Ewropew huwa elett mill-Parlament Ewropew, għandu s-setgħa li jirċievi lmenti minn kwalunkwe ċittadin tal-Unjoni, jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju tagħha rreġistrat fi Stat Membru, fir-rigward ta' każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, tal-korpi, tal-organi jew tal-aġenziji tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li taġixxi fir-rwol ġudizzjarju tagħha.

Pedament addizzjonali, b'mod partikolari marbut mar-rwol tal-Ombudsman, huwa l-Artikolu 41(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fejn huwa ssottolinjat li "kull persuna għandha d-dritt li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat b'mod imparzjali u ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni".

Fl-2021, 20 536 ċittadin talbu lis-servizzi tal-Ombudsman jgħinuhom, li minnhom 17 060 ingħataw parir permezz tal-Gwida Interattiva li tinsab fis-sit web tal-Ombudsman, filwaqt li 1 310 talba l-oħra għal informazzjoni ġew imwiegħa mis-servizzi tal-Ombudsman u 2 166 ġew trattati mill-Ombudsman bħala lmenti.

Mill-għadd totali ta' 2 166 ilment ipproċessat mill-Ombudsman fl-2021, 729 kienu jaqgħu fil-mandat tal-Ombudsman u 1 437 kienu jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tal-Ombudsman.

Fl-2021, l-Ombudsman fetħet 338 inkjesta, li minnhom 332 kienu bbażati fuq ilmenti u sitta kienu inkjesti fuq inizjattiva proprja, filwaqt li għalqet 305 inkjesta (300 bbażati fuq ilmenti u 5 fuq inizjattiva proprja).

Il-biċċa l-kbira tal-inkjesti kienu jikkonċernaw lill-Kummissjoni (208 inkjesta jew 61.5 %), u t-tieni l-akbar numru kien jikkonċerna s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) (16-il inkjesta jew 4.7 %), il-Parlament (13-il inkjesta jew 3.8 %), l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) (13-il inkjesta jew 3.8 %), il-bqija tqassmu kif ġej: l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) (11-il inkjesta jew 3.3 %), l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (8 inkjesti jew 2.4 %), il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (7 inkjesti jew 2.1 %), l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (6 inkjesti jew 1.8 %), u istituzzjonijiet oħra (34 inkjesta jew 10.1 %);

It-tliet punti ta' tħassib ewlenin tal-Ombudsman fl-inkjesti magħluqa fl-2021 kienu t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont (l-aċċess għall-informazzjoni u d-dokumenti) (29 %), il-kultura tas-servizz (26 %) u l-użu xieraq tas-setgħat diskrezzjonali (inkluż fil-proċeduri ta'

ksur) (18 %). Tħassib ieħor jinkludi r-rispett għad-drittijiet proċedurali, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, il-ġestjoni tajba tal-kwistjonijiet tal-persunal, il-ġestjoni finanzjarja tajba, il-parteciġazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, kwistjonijiet etiċi u l-iżvelar ta' informazzjoni protetta.

Flimkien max-xogħol ewlieni fuq l-ilmenti, l-Ombudsman twettaq ukoll aktar inkjesti u inizjattivi dwar kwistjonijiet sistemiċi mal-istituzzjonijiet tal-UE. Bi qbil mal-istrateġija tal-Ombudsman "Lejn l-2024", is-sena 2021 kienet immarkata minn żieda fil-ħidma tal-Uffiċċju tal-Ombudsman, b'numru akbar ta' inkjesti u inizjattivi miftuħa dwar varjetà ta' kwistjonijiet. Ir-Rapporteur tikkunsidra li huwa essenzjali li l-Ombudsman tingħata baġit akbar sabiex tiġi pprovduta bir-riżorsi meħtieġa ħalli timmaniġġja b'mod effettiv l-ammont ta' xogħol ġenerali.

Ir-Rapporteur tifrāħ minn qalbha lil Emily O'Reilly u lill-uffiċċju tagħha għall-ħidma konsiderevoli mwettqa fl-2021. F'dan ir-rigward, ir-Rapporteur tenfasizza li l-Unjoni Ewropea tista' tkun kburiya li għandha istituzzjoni li taħdem biex issib bilanċ bejn id-dritt tal-istituzzjonijiet tal-UE li jaħdmu u l-interess pubbliku li jkun hemm amministrazzjoni tal-UE li taħdem bl-ogħla standards ta' integrità u ta' obbligu ta' rendikont. Dawn l-isforzi kostruttivi jippermettu lill-Ombudsman issaħħaħ fl-istess ħin id-demokrazija rappreżentattiva u parteciġattiva, filwaqt li jitjiebu l-parteciġazzjoni pubblika u l-leġittimità tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE.

Fl-2021, l-Uffiċċju tal-Ombudsman fetaħ inkjesti strateġiċi ġodda dwar suġġetti differenti:

Revolving doors

Ir-Rapporteur tilqa' l-impenn ripetut tal-Ombudsman biex tiġġieled il-każijiet ta' "revolving doors". Fl-2021, l-Ombudsman fetħet inkjesta strateġika wiesgħa (it-3 ta' Frar 2021) dwar kif il-Kummissjoni tittratta sitwazzjonijiet ta' "revolving doors" (fl-2019, fl-2020 u fl-2021). L-inkjesta kompliet fl-2022. L-Ombudsman fetħet ukoll inkjesti bbażati fuq ilmenti relatati ma' "revolving doors". Fit-23 ta' Ġunju 2021, l-Ombudsman fetħet inkjesta bbażata fuq ilment dwar il-fatt li Viċi President Spanjol tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) iċċaqlaq għal kumpanija Spanjola tal-utilitajiet li kienet irċeviet self mill-bank.

Fit-22 ta' Frar 2021, l-Ombudsman fetħet inkjesta oħra dwar "revolving doors" li tikkonċerna l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (AED), li approvat iċ-ċaqliq mill-ex kap eżekuttiv tagħha biex isir konsulent strateġiku ma' Airbus, wieħed mill-akbar atturi fl-industrija tad-difiża Ewropea. L-inkjesta fuq inizjattiva proprja kkonkludiet li l-AED kellha tipprojbixxi dan iċ-ċaqliq fuq il-bażi ta' kunflitt ta' interess, u l-AED qablet li timplimenta r-rakkomandazzjonijiet li potenzjalment tipprojbixxi lill-persunal milli jieħu ċerti pożizzjonijiet u tipprovidi linji gwida lill-persunal dwar kif tapplika miżura bħal din.

Aċċess għad-dokumenti

Ir-Rapporteur tilqa' l-enfasi speċjali tal-Uffiċċju tal-Ombudsman fl-2021 fuq l-ġħoti tal-aċċess għal dokumenti ta' interess pubbliku usa', minkejja l-fatt li l-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE hija obsoleta u xxekkel l-attivitajiet tal-Ombudsman dwar din il-kwistjoni. Ir-Rapporteur temmen li jridu jiġu żgurati trasparenza sħiħa u aċċess pubbliku sħiħ għad-dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet tal-UE u tqis bħala prijorità r-rieżami tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 sabiex l-Unjoni titqiegħed fuq quddiem tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti

tal-UE u tat-trasparenza demokratika għaċ-ċittadini.

Fl-2021, ilmentatur li talab l-aċċess għall-messaġġi testwali mibgħuta mill-President tal-Kummissjoni Ewropea lis-CEO ta' kumpanija farmaċewtika ewlenija xeħet dawl fuq jekk l-amministrazzjoni tal-UE tirreġistrax messaġġi testwali u istantanji relatati max-xogħol. Fis-16 ta' Settembru 2021, l-Ombudsman talbet lill-Kummissjoni għall-politika tagħha dwar din il-kwistjoni. F'azzjoni separata, l-Ombudsman talbet lil tmien istituzzjonijiet u aġenziji tal-UE liema miżuri għandhom fis-seħħ biex iżommu rekords ta' messaġġi testwali u istantanji relatati max-xogħol, bil-ħsieb li tfassal lista ta' Prattiki tajbin.

L-Ombudsman irċeviet ilmenti relatati ma' għadd ta' istituzzjonijiet u korpi tal-UE differenti li ffokaw fuq l-aċċess għad-dokumenti. Ilmentatur talab aċċess pubbliku għal "ftehim ta' xiri bil-quddiem" konkluż bejn il-Kummissjoni Ewropea u kumpanija farmaċewtika għax-xiri fil-futur ta' vaċċin kontra l-COVID-19. L-Ombudsman ħeġġet lill-Kummissjoni żżomm lill-ilmentatur informat u tiżgura li r-rekwiżiti ta' trasparenza jagħmlu parti min-negozjati tal-vaċċini li għaddejjin u daww futuri. Ilmentatur fittex aċċess pubbliku mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) għal dokumenti li juru dettalji tal-voti tal-Bord tas-Superviżuri tal-EBA dwar investigazzjoni li fiha sab li l-awtoritajiet nazzjonali kisru d-dritt tal-UE ("rakkomandazzjonijiet dwar il-ksur tad-dritt tal-Unjoni") fir-rigward tas-superviżjoni ta' żewġ bankijiet speċifiċi. L-EBA qablet li tikkex id-dettalji tal-voti tal-Bord tas-Superviżuri tagħha. L-ilmentaturi qajmu ħafna tħassib dwar kif l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) titratta talbiet għal aċċess pubbliku għal dokumenti, inkluż diffikultajiet bil-portal online ddedikat tal-Frontex għal talbiet ta' aċċess għal dokumenti u kundizzjonijiet li l-Frontex tapplika għal dokumenti li tiżvela. L-inkjesta kompliet fl-2022.

L-Ombudsman sabet amministrazzjoni ħażina wara li l-Kummissjoni rrifjutat li tagħti aċċess għal informazzjoni dwar l-importazzjonijiet ta' żejt tat-tisjir skartat. L-Ombudsman sabet ukoll amministrazzjoni ħażina wara li l-Kummissjoni rrifjutat li tirrilaxxa dokumenti relatati max-xiri ta' 1,5 miljun maskra medika li ma ssodisfawx l-istandards ta' kwalità meħtieġa.

Ir-Rapporteur tenfasizza li wieħed mill-modi kif titjieb il-perċezzjoni li ċ-ċittadini għandhom tal-UE huwa billi l-UE ssir aktar komprensibbli u trasparenti għalihom, u temmen li huwa preċiżament għaċ-ċittadini li l-Kummissjoni jeħtiġilha tieħu l-passi neċessarji biex tiġi garantita trasparenza sħiħa. Hija tikkunsidra wkoll bħala inaċċettabbli li l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill għadu affettwat minn nuqqas serju ta' trasparenza u li għadu qed jippersisti fil-prevenzjoni taċ-ċittadini milli jkollhom aċċess dirett u f'waqtu għad-dokumenti leġiżlattivi tiegħu waqt li jkun għaddej il-proċess leġiżlattiv.

Ir-Rapporteur tfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) ddeċidiet bosta drabi li hija preċiżament it-trasparenza fil-proċess leġiżlattiv li tikkontribwixxi għall-għoti ta' leġittimità akbar lill-istituzzjonijiet f'għajnejn iċ-ċittadini tal-UE u għaż-żieda fil-fiduċja tagħhom billi tippermetti li d-diverġenzi bejn diversi fehmiet jiġu diskussi fil-miftuħ. Fil-fatt huwa pjuttost in-nuqqas ta' informazzjoni u ta' dibattitu li jista' jqajjem dubji f'moħħ iċ-ċittadini, mhux biss fir-rigward tal-legalità ta' att iżolat, iżda wkoll fir-rigward tal-leġittimità tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fl-intier tiegħu.¹⁰

¹⁰ Ara, b'rabta ma' dan, is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2008, *L-Iżvezja u Turco vs Il-Kunsill*, C-39/05 P u C-52/05 P, ECLI:EU:C:2008:374, punt 59, u s-sentenza tat-22 ta' Marzu 2018, *Emilio De Capitani vs Il-Parlament Ewropew*, T-540/15, ECLI:EU:T:2018:167, punt 78.

Kwistjonijiet etiċi

Ir-Rapporteur tfaħħar l-attenzjoni li l-Uffiċċju tal-Ombudsman iddedika lill-kwistjonijiet etiċi fl-2021. L-Ombudsman eżaminat il-kompożizzjoni tal-Forum ta' Livell Għoli dwar l-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU) tal-UE proposta u sabet amministrazzjoni ħażina. L-Ombudsman ipproponiet li kwalunkwe rapport minn grupp ta' esperti jenħtieġ li jispeċifika wkoll it-tipi ta' membri tal-grupp ta' esperti biex jiġi evitat il-kunflitt ta' interess.

Żewġ organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ressqu lmenti dwar il-parteċipazzjoni tal-President tal-Kummissjoni u ta' Viċi President tal-Kummissjoni f'vidjo li jappoġġja l-kampanja elettorali ta' partit politiku Kroat. Il-Kummissjoni wiegħdet f'dan ir-rigward li tfassal linji gwida dwar kif il-kummissarji jistgħu jipparteċipaw f'kampanji elettorali nazzjonali.

Wara inkjesta tal-Ombudsman relatata mal-ispejjeż tal-ivvjaġġar marbuta ma' vjaġġ uffiċjali fiċ-Ċina, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fl-2021 qabel li jtejjeb it-trasparenza dwar l-ispejjeż u l-allowances tal-membri tiegħu.

Wara inkjesta dwar id-deċiżjoni tagħha li tagħti kuntratt lil BlackRock Investment Management, f'April, il-Kummissjoni rreaġiet b'mod kostruttiv għas-suġġerimenti tal-Ombudsman u saħqet li qed tikkunsidra tfassal gwida addizzjonali dwar il-kunflitti ta' interess biex tgħin lill-persunal tagħha jittratta l-proċeduri ta' akkwist pubbliku.

Drittijiet fundamentali

Ir-Rapporteur tifaħ minn qalbha lill-Ombudsman u l-uffiċċju tagħha għall-ħidma notevoli li wettqu matul l-2021, bl-għan li jsiru inkjesti u jiġu mħarsa d-drittijiet fundamentali, għaliex dawn jirrappreżentaw wieħed mill-valuri ewlenin u l-pedament tal-UE.

F'Marzu 2021, l-Ombudsman fetaħ inkjesta fuq inizjattiva proprja dwar kif l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) tikkonforma mal-obbligi ta' drittijiet fundamentali u tassigura l-obbligu ta' rendikont b'rabta mar-responsabbiltajiet tagħha. L-inkjesta għandha l-għan li tiċċara kwistjonijiet relatati mal-obbligu ta' rendikont tal-"operazzjonijiet konġunti" tal-Frontex, ma' attivitajiet relatati mar-"ritorni" tal-migranti u mal-appoġġ tal-migrazzjoni fl-iskrinjar mal-fruntieri esterni tal-UE. L-Ombudsman għamlet bosta proposti prattiċi biex issaħħaħ l-indipendenza tal-mekkaniżmu ta' lment u tħeġġeġ lill-persuni jużawh. Fosthom, l-informazzjoni pubblika dwar il-mekkaniżmu għandha tispeċifika li t-tressiq tal-ilmenti dwar l-allegati abbużi tad-drittijiet fundamentali ma għandux jippreġudika deċiżjonijiet dwar l-ażil.

Inkjesta ewlenija oħra marbuta mad-drittijiet fundamentali ffokat fuq kif il-Kummissjoni tassigura li l-awtoritajiet Kroati jirrispettaw id-drittijiet fundamentali fil-kuntest tal-operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-fruntieri. L-ilmentatur, Amnesty International, qajjem dubji dwar jekk il-Kroazja kinitx implimentat "mekkaniżmu ta' kontroll" biex jiġi assigurat li l-operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-fruntieri kkonformaw bis-sħiħ mad-drittijiet fundamentali u mad-dritt tal-UE.

L-Ombudsman fetħet inkjesta fuq inizjattiva proprja biex tinvestiga kif il-Kummissjoni Ewropea timmonitorja l-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej għall-promozzjoni tad-dritt tal-persuni b'diżabbiltà u tal-anzjani għall-għajxien indipendenti. Ir-Rapporteur tilqa' l-impenn tal-Ombudsman u tirrikonoxxi l-ħidma rilevanti tagħha, bħala membru tal-Qafas tal-

UE għall-UNCRC, immirat lejn il-protezzjoni, il-promozzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni korretta tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità mill-istituzzjonijiet tal-UE u r-rwol tal-Ewropa bħala sieħeb globali fl-appoġġ tal-ugwaljanza tad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà.

L-Ombudsman stiednet lill-Kummissjoni tipprovdi dettalji dwar kif tassigura r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali ffirmati mill-UE. Id-deċiżjoni tal-Ombudsman sabet li l-Kummissjoni kellha tikkonkludi valutazzjoni aġġornata qabel ma ġie konkluż il-ftehim kummerċjali. L-Ombudsman talbet li, f'negozjati kummerċjali futuri, valutazzjonijiet bħal dawn jiġu kompluti qabel il-ftehim finali.

L-Ombudsman kitbet lill-Kummissjoni u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) għal aktar informazzjoni dwar l-implikazzjonijiet potenzjali tar-regoli ġodda proposti dwar l-intelliġenza artifiċjali (IA) u biex tiżgura li r-regoli futuri se jikkunsidraw l-interess pubbliku.

It-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont fit-teħid tad-deċiżjonijiet

Ir-Rapporteur tfaħħar ukoll lill-Ombudsman għall-ħidma tagħha li saret fil-qafas ta' diversi inkjesti importanti relatati mat-trasparenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet. F'Novembru, l-Ombudsman fetħet inkjesta dwar kif il-Kummissjoni tassigura li l-interazzjonijiet tagħha mal-lobbisti tat-tabakk ikunu trasparenti. Billi l-UE hija parti mill-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk (FCTC) tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), jeħtiġilha tipprevjeni l-industrija tat-tabakk milli jkollha impatt negattiv fuq il-politiki tas-saħħa pubblika. Dan jirrikjedi li l-Kummissjoni tkun trasparenti b'mod sħiħ u proattiv dwar laqgħat ma' rappreżentanti tal-industrija tat-tabakk.

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) implimenta miżuri biex itejjeb l-obbligu ta' rendikont tat-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu wara l-inkjesta tal-Ombudsman li eżaminat it-trasparenza tar-rispons tiegħu għall-pandemija tal-COVID-19.

Ir-Rapporteur innotat li t-tħassib dwar it-trasparenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-kwistjonijiet ambjentali kompli jkun sors ta' lmenti fl-2021. F'April, l-Ombudsman fetħet inkjesta dwar ir-rwol tal-Kummissjoni fil-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-proġetti tal-gass imniżżla bħala proġetti ta' sinifikanza reġjonali mill-Komunità tal-Enerġija (li tgħaqqad lill-UE, lill-pajjiżi fil-Balkani tal-Punent, lill-pajjiżi fir-Reġjun tal-Baħar l-Iswed, u lin-Norveġja). F'Diċembru 2021, l-Ombudsman fetħet inkjesta dwar kif il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni pubblika dwar l-inizjattiva tal-Governanza Korporattiva Sostenibbli, li timmira li tħeġġeġ lill-kumpaniji jimmaniġġjaw aħjar il-kwistjonijiet ta' sostenibbiltà fl-operazzjonijiet tagħhom. F'Ġunju, l-Ombudsman stabbiliet sejbiet preliminari għall-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) li jikkonċernaw it-trasparenza tal-informazzjoni ambjentali dwar proġetti li jiffinanzja. L-Ombudsman issuġġeriet li l-BEI għandu jagħmel pubbliku l-implikazzjonijiet ambjentali tal-proġetti li jiffinanzja u li l-BEI għandu jagħti prijorità lil trasparenza proattiva msaħħa.

L-Ombudsman kitbet lill-Kummissjoni biex tistidinha tantiċipa l-interess qawwi fin-negozjati mal-Istati Membri tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RFF) tal-UE u ssuġġeriet li l-Kummissjoni tipprovdi l-informazzjoni kollha dwar id-dokumenti rilevanti li għandha dwar il-pjanijiet ta' rkupru u reżiljenza li jgħinu lill-UE tirkupra mill-pandemija u tindirizza sfidi bħall-kriżi klimatika.

Dikjarazzjoni ta' konklużjoni

Ir-Rapporteur ifaħħar l-isforzi bla heda ta' Emily O'Reilly li għandhom l-għan li jsaħħu t-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-integrità tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-UE filwaqt li tiffoka fuq il-qalba tal-missjoni tagħha: id-drittijiet taċ-ċittadini Ewropej.

Ir-Rapporteur temmen bis-sħiħ li l-aċċess għad-dokumenti, l-etika u t-trasparenza huma l-prinċipji *sine qua non* ta' demokrazija parteċipattiva reali.

Dawn il-prinċipji huma bbażati fuq il-fiduċja taċ-ċittadini fl-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej, u l-ħidma tal-Ombudsman tikkontribwixxi għat-tisħiħ ta' din il-fiduċja. Għal dawn ir-raġunijiet, ir-Rapporteur hija kburiya u onorata li mexxiet dan ir-rapport tal-PETI, li għandu l-għan li janalizza, jikkumenta dwar u jwassal il-ħidma li wettqu l-Ombudsman u l-uffiċċju tagħha matul l-2021 liċ-ċittadini Ewropej.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	28.2.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alex Agius Saliba, Andris Ameriks, Margrete Auken, Alexander Bernhuber, Markus Buchheit, Agnès Evren, Gheorghe Falcă, Alexis Georgoulis, Peter Jahr, Radan Kanev, Cristina Maestre Martín De Almagro, Dolors Montserrat, Emil Radev, Frédérique Ries, Yana Toom, Loránt Vincze, Tatjana Ždanoka, Kosma Złotowski
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Jordi Cañas, Maite Pagazaurtundúa, Anne-Sophie Pelletier, Cristian Terheş, Rainer Wieland

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

23	+
ECR	Cristian Terheş, Kosma Zlotowski
ID	Markus Buchheit
NI	Tatjana Ždanoka
PPE	Alexander Bernhuber, Agnès Evren, Gheorghe Falcă, Peter Jahr, Radan Kanev, Dolors Montserrat, Emil Radev, Loránt Vincze, Rainer Wieland
Renew	Jordi Cañas, Maite Pagazaurtundúa, Frédérique Ries, Yana Toom
S&D	Alex Agius Saliba, Andris Ameriks, Cristina Maestre Martín De Almagro
The Left	Alexis Georgoulis, Anne-Sophie Pelletier
Verts/ALE	Margrete Auken

0	-

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni